FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)
ILLUM 07 TA' DICEMBRU 2016

Il-Pulizija

Spettur William Scicluna

vs

Simon Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta tal-identita' 272861M akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Lulju 2015 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1. talli fl-istess lok, data u cirkostanzi, ghamel falsikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposozzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew infurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. ghamel falsifikazzjoniohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstema bi procedura sommarja mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 183 u 189 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal –Kap 446 ghal zmien sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat